MCAST
Malta College of Arts, Science & Technology

# Initial Screening Test*
# Malti

## Version A

Name ______________________________

ID ______________________________

Course ______________________________

Time 1.5 hours

| | |
|---|---|
| Listening Comprehension | |
| Reading | |
| Writing | |
| Total Mark | |

* This IST is carried out for the sole purpose of screening students into either Level 1 or Level 2.

# Assigurazzjoni tal-Ivvjaġġar

Ħafna nies li llum isiefru, bħala pakkett mhux biss jieħdu l-vjaġġ, jiġifieri t-titjira jew inkella l-*cruise*, imma jieħdu wkoll il-ġiti. Ħafna drabi jieħdu wkoll bħala pakkett l-assigurazzjoni tal-ivvjaġġar. Naħseb li l-assigurazzjoni tal-ivvjaġġar, għalkemm ma tiswiex ħafna flus hija importanti. Hija l-aktar polza tal-assigurazzjoni li ħafna nies assolutament ma jinteressaw ruħhom xejn fiha għax mhumiex ċerti kif taħdem. Bħal kull polza oħra li tixtri, tal-assigurazzjoni ma tkoprix kollox. Għandek ċerti ċirkustanzi li polza tal-assigurazzjoni tkoprik għalihom u oħrajn le. Huwa importanti ħafna li ma tixtrix il-polza tal-assigurazzjoni l-aħħar ħaġa. Anzi jien ngħidlek jekk ħa tħallas *deposit* qis li jkollok polza mill-ewwel għaliex l-assigurazzjoni tkoprik ukoll għal ċirkostanzi, jew sitwazzjonijiet bħal ikollok bżonn tikkanċella l-vjaġġ tiegħek. Ħaġa wkoll illi inti għandek iżżomm fuqek meta inti tkun qed tivvjaġġa hi li jkollok kopja tal-polza. Tarax biss kemm se tkun intitolat jekk il-bagalja ma tiġikx jew titqatta'. Dak huwa importanti imma bħal kull ħaġa oħra qis li inti tkun taf għal xiex inti kopert u meta ħa tħallsek l-assigurazzjoni. Mhux l-ewwel darba li dak li jkun, ikun ħa jivvjaġġa u l-bagalja ma tiġihx jew iddum ma tiġih minn meta jkun wasal fid-destinazzjoni tiegħu, imbagħad jgħid, "Issa nbiddel il-gwardarobba kollha minn fuq dahar l-*insurance*". Imma l-*insurance* se tgħidlek, "jiena nħallsek għal affarijiet ta' emerġenza wara l-ewwel tnax-il siegħa li l-bagalja tkun ma ġitekx." Jiġifieri m'intix se tiġi timxi mal-moda billi tkun Londra u tagħmel xi nefqa, nefqun u tgħid għax se tħallas l-*insurance*, għax l-*insurance* ħa tkoprik biss ammont żgħir għal affarijiet ta' emerġenza. Għalfejn għandek iżżomm il-polza tiegħek ukoll fuqek? Biex f'każ li jinqalagħlek xi ħaġa u jkollok bżonn xi emerġenza medika inti tkun taf xi trid tagħmel. Pereżempju, taf illi fuq il-

poloz tal-*insurance* tal-ivvjaġġar ikun hemm numru internazzjonali li inti trid iċċempel? Jew li jridu jċemplu n-nies li ser ikunu miegħek? Biex jekk inti tmur fi sptar u jkollok bżonn kura medika ta' malajr li tiswa l-flus huma jkunu jistgħu jċemplu ħalli jingħataw il-*go ahead* biex ikunu jistgħu jagħmlu dak li jkollhom bżonn jagħmlu. Jekk ma jkollokx il-polza fuqek u dik l-informazzjoni ma tafhiex, x'ser tagħmel meta tkun imsiefer? Għalhekk kif dejjem ngħid kun infurmat, aqra u interessa ruħek fil-polza. Mhix twila u lanqas ma hija tqila biex tifhimha u żomm kopja u ħudha miegħek meta tivvjaġġa. Bon Voyage!

MCAST

Malta College of Arts, Science & Technology




# Catania

## Mis-Sibt sat-Tlieta

**Grupp 1:** **23 - 26 ta' Lulju**

**Grupp 2:** **30 ta' Lulju - 02 ta' Awwissu**

**Grupp 3:** **20 – 23 ta' Awwissu**

**Grupp 4:** **27 – 30 ta' Awwissu**

**Grupp 5:** **03 - 06 ta' Settembru**

**Is-Sibt**

Tluq bil-Katamaran fil-05.00 am (1) __________ Pozzallo. Tluq lejn Catania. Ħin liberu għal xiri mis-suq popolari (2) __________ Maltin. Inkomplu din il-ġurnata fejn nitilqu lejn Acicastello. Hawnhekk ikollna passiġġata ħdejn il-baħar. Nitilqu (3) __________ lukanda li tinsab fl-inħawi (4) __________ Taormina, fejn ikollna s-sistemazzjoni tal-kmamar u filgħaxija ikla *buffet* fil-lukanda.

**Il-Ħadd**

Kolazzjon *buffet*. Illum immorru Randazzo li (5) __________ fil-parti ta' wara (6) __________ vulkan Etna fejn inżuru s-suq popolari li (7) __________ l-Ħadd. Wara l-ikla *buffet* ta' filgħaxija (8) __________ l-eskursjoni għal Taormina *by night*.

**It Tnejn**

Kolazzjon *buffet*. Illum ġurnata sħiħa fil-park Etnaland. Il-post ta' divertiment għat-tfal u għall-kbar. Filgħaxija nirritornaw lura l-lukanda għall-ikla.

**It-Tlieta**

Kolazzjon *buffet* fil-lukanda. Illum l-aħħar jum (9) _________ l-bagalji u nitilqu lejn Etna. Ħin liberu ħdejn il-ħwienet. L-aħħar waqfa (10) _________ tkun Porte di Catania għall-aħħar xiri. Nirritornaw lura l-port ta' Pozzallo għall-(11) _________ lura lejn Malta bil-katamaran Jean de la Valette.

| Prezzijiet | 1-17 ta' Lulju u<br>1 – 11 ta' Settembru | 18 ta' Lulju sa<br>31 ta' Awwissu |
|---|---|---|
| **kamra ta' 2** | €395 | €450 |
| **kamra ta' 3** | €385 | €440 |
| **kamra ta' 1** | €455 | €495 |
| **tfal taħt l-14-il sena** | €215 | €230 |
| **tfal taħt l-4 snin** | €0 | €0 |
| *It-tour mit-8 sal-11 ta' Settembru flok Etnaland waterpark immorru Themepark.* | | |

**Il-Prezz jinkludi:**

*Vjaġġ bil-Katamaran lejn Pozzallo u lura;

*Lukanda t'4 stilel li tinsab fl-inħawi ta' Taormina;

*Kuljum kolazzjon buffet u l-ikla ta' filgħaxija;

*L-eskursjonijiet / *Tour Leader* u Taxxi

**Mhux inkluz fil-Prezz:**

**City tax* kull persuna kull lejl u (12) _________ direttament il-lukanda l-aħħar ġurnata

*Taormina *cable car* / *Drinks* waqt l-ikel.

*Entratura ta' Etnaland: Kbar €20

*Tfal sa 1m 40cm: €13

MCAST

Malta College of Arts, Science & Technology

**Taħriġ is-Smigħ**

**Immarka hux Veru jew Falz skont dak li smajt mis-silta.**

| | | **Veru** | **Falz** |
|---|---|---|---|
| 1 | Meta tkun ser tivvjaġġa mhux importanti jekk tiħux il-pakkett tal-assigurazzjoni. | | |
| 2 | L-assigurazzjoni ma tiswiex ħafna flus. | | |
| 3 | Il-polza tal-assigurazzjoni tkoprik minn kollox. | | |
| 4 | Ma għandekx tixtri l-polza tal-assigurazzjoni l-aħħar ħaġa. | | |
| 5 | Il-polza tal-assigurazzjoni tkoprik jekk jinqala' xi ħaġa qabel issiefer. | | |
| 6 | Ladarba għamilt il-polza tal-assigurazzjoni mhux importanti li żżommha fuqek. | | |
| 7 | Jekk il-bagalja ma tasallikx mill-ewwel, l-*insurance* tħallaslek dawk il-ħwejjeġ kollha li tixtri għal kemm iddum imsiefer. | | |
| 8 | Fuq il-polza tal-assigurazzjoni jkun hemm numru fejn inti tista' ċċempel jekk jinqalagħlek xi ħaġa. | | |
| 9 | Mhux importanti li taqra l-polza tal-assigurazzjoni, l-aqwa li jaqraha ħaddieħor. | | |
| 10 | Il-polza tal-assigurazzjoni hija daqsxejn twila biex taqraha imma faċli biex tifhimha. | | |

## Grammatika

**A) Aqra t-test "Catania" u sib il kliem li hemm nieqes billi tagħżel minn hawn taħt.**

| | A. | B. | Ċ |
|---|---|---|---|
| 1. | għal | għall- | għal- |
| 2. | ma | ma' l- | mal- |
| 3. | għal | għall- | għal- |
| 4. | t' | ta' | ta |
| 5. | jinsap | jinsab | jinstab |
| 6. | il- | l- | 'l- |
| 7. | jarma | jarma' | jarmgħa |
| 8. | ikollna | jkollna | ikolna |
| 9. | ngħabbu | nagħbbu | nabbu |
| 10. | tana | tagħna | tgħana |
| 11. | vjaġġ | vjaċċ | vjaġċ |
| 12. | jitħalsu | jitħallsu | jittħallsu |

**B) Imla l-vojt skond l-istruzzjonijiet.**

13. Ikteb fi kliem: 4 snin __________snin

14. Ikteb fi kliem 05:00am: ____________________

15. Ikteb fi kliem €20: ____________________

MCAST

Malta College of Arts, Science & Technology

**Il-Qari**

**Wieġeb il-mistoqsijiet skont dak li qrajt fis-silta.**

**Immarka jekk hux Veru jew Falz.**

| | | **Veru** | **Falz** |
|---|---|---|---|
| 1 | Il-prezz ivarja skont ix-xahar meta wieħed isiefer. | | |
| 2 | Id-*drinks* waqt l-ikel huma inklużi fil-prezz. | | |
| 3 | Mhux it-*tours* kollha se jmorru Etnaland. | | |
| 4 | Biex jidħlu Etnaland, it-tfal iħallsu skont it-tul. | | |

1. Kemm hi twila din il-vaganza?

_______________________________________________

2. B'liema mezz ta' trasport ser jivvjaġġa min jagħżel li jmur din il-vaganza?

_______________________________________________

3. Min jagħżel li jmur din il-vaganza se jżur xi mużew?

_______________________________________________

4. Liema huwa l-post tad-divertiment tajjeb għat-tfal imsemmi fis-silta?

_______________________________________________

5. X'inhi l-aħħar ħaġa li ser jagħmlu qabel jiġu lura Malta?

_______________________________________________

MCAST

Malta College of Arts, Science & Technology

**Fl-artiklu t'hawn taħt tħalla xi kliem barra. Daħħal il-kliem xieraq biex tkompli s-silta.**

# Titjiriet tal-Air Malta mħassra minħabba żbroff tal-Etna




L-Air Malta (1) __________ tliet titjiriet għal Catania wara li l-ajruport tal-Belt ingħalaq minħabba l-irmied li ħareġ minn żbroff tal-(2) __________ Etna. Tħassret (3) __________ lbieraħ u tnejn illum.

Bil-(4) __________ li jonqos l-inkonvenjent għall-(5) __________ llum waranofsinhar l-Air Malta se topera vjaġġ għal Palermo u (6) __________ trasport bejn iż-żewġ ajruporti. Passiġġieri oħra minn Catania se jitwasslu Malta permezz ta' (7) __________. L-Air Malta qalet li qiegħda tosserva dak li għaddej u se tinforma l-passiġġieri bl-aħħar (8) __________.

L-Air Malta qiegħda toffri wkoll lill-passiġġieri li (9) __________ titjira mill-ġdid jew jieħdu rifużjoni sħiħa. Għal iktar tagħrif wieħed jista' (10) __________ fuq 2166 2211.

MCAST

Malta College of Arts, Science & Technology

Il-Kitba

Wara li qrajt ir-reklam, imla din il-formola biex tkun tista' tibbukkja l-vjaġġ għal Catania.

Isem: ____ Kunjom: ____

Indirizz: ____

Data tat-twelid: ____ Età: ____

Numru tat-telefown: ____

Numru tal-Karta tal-Identità: ____

Nazzjonalità: ____

Il-vjaġġ li ser tibbukkja għalih: ____

Id-data tal-vjaġġ: ____

MCAST

Malta College of Arts, Science & Technology

**Ikteb email ta' madwar 50 kelma lid-direttur tal-kumpanija tal-ivvjaġġar biex tiġbidlu l-attenzjoni li t-*tour leader* telaqkom waħedkom u ma tax kaskom ħlief waqt l-ikel.**

**l-indirizz tad-direttur: markborg@yahoo.com**

Lil: ______________________________

Mingħand: ______________________________

Data: ______________________________

Suġġett: ______________________________